# Il-Pittur Lazzaro Pisani

## (1854 – 1932)



Lazzaro Pisani twieled f'Ħaż-Żebbuġ fil-15 ta' Diċembru fl-1854, minn Agostino Pisani u Giuseppa neè Sciortino u miet fil-31 ta' Awissu 1932 fl-età ta' 78 sena, fid-dar tal-villeġġjatura li kellu f'San Pawl il-Baħar. Miet wara marda qasira kkaġunata mill-veleni li jinsabu moħbija fil-kuluri u li hu kien ta' bilfors jirrespirahom waqt ix-xogħol pittoriku tiegħu tul ħajtu kollha.

Kien għadu fl-aqwa attività artistika tiegħu u għalhekk ħalla mhux lesti għal kollox il-pitturi li kellu f'idejh għall-knisja tas-Siġġiewi f'Malta, kif ukoll oħrajn għall-knisja ta' l-Imġarr f'Għawdex. Dawn ix-xogħlijiet imbagħad tkomplew, dawk tas-Siġġiewi mill-Professur Carmine Palmieri ta' Ruma, filwaqt li dawk ta' l-Imġarr tkomplew mill-Pittur Malti Prof. Joseph Briffa minn Birkirkara.

Lazzaro Pisani beda l-istudji tiegħu tad-disinn fil-Liceo tal-Belt Valletta mal-Professur Michele Bellanti u kien dejjem jiġi l-ewwel fil-klassi. Sadattant, għal madwar sentejn kien l-alliev b'rakkomandazzjoni tal-Kavalier Paolo Bonici Mompalao, tal-Pittur Carlo Ignazio Cortis, li kien inġieb minn Ruma bl-inkarigu li jirrestawra l-pittura tal-korsija tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann. Minn taħt idejn Cortis, Pisani għamel progress kbir, tant li Cortis innifsu ħass li jkun xieraq li Pisani jmur ikompli l-istudji tiegħu f'Ruma, fejn fil-fatt mar fl-1870.

F'Ruma Pisani ipperfezzjoni ruħu taħt id-direzzjoni tal-Professur Luigi Fontana, pittur u skultur, li skolpixxa għall-parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ l-istatwa tal-fidda ta' San Filep t'Aggira. Wara,Pisani kompla jistudja fl-Akkademja ta' San Luqa fejn ibbrilla fl-istudji tiegħu u kien imfaħħar mill-Professuri kollha għall-perfezzjoni tad-disinn u għall-bravura fix-xogħol pittoriku, minkejja l-fatt li f'dak iż-żmien kien beda l-moviment verista li rrenda diffiċli l-kompetizzjoni ma' l-istudji klassiċi. Barra minn dan kollu Lazzaro Pisani, waqt li kien Ruma, segwa wkoll il-klassijiet ta' filgħaxija tan-nudo fl-Akkademja Ingliża.

Minkejja dawn is-suċċessi kollha fl-istudji tiegħu Ruma, għal ftit ma tilifx il-qaleb u l-ġbejna kawża ta' marda serja tal-malarja li ġiet fuqu fl-1874 li minħabba fiha kellu jiġi lura Malta. Dam mas-sentejn jiġġieled għall-fejqan megħjun mill-professur S.L. Pisani M.D. li iddedikalu attenzjoni speċjali u għamel dak kollu li seta' biex ifejqu kif fil-fatt għamel. Iżda ġara li Pisani kien tant batut moralment li qatagħha li jħalli l-arti pittorika u jinkiteb għall-kors fil-Fakultà ta' l-Arkitettura li diġà kellu bidu ta' din ix-xjenza fl-istudji li kien għamel Ruma u li aktar tard, ġie mqabbad jgħallem fil-klassijiet ta' l-istudenti periti u fl-iskejjel superjuri ta' Malta.

Il-Pittur Lazzaro Pisani hu bla ebda dubju ta' xejn, wieħed mil-artisti li għollew b'mod superlattiv il-livell ta' l-Arti f'Malta. Kien bniedem ta' ħajja eżemplari, ta' karattru kwiet u paċifiku, miġbur mal-familja u mogħti b'ruħu u ġismu għall-pittura, 'il bogħod minn kull esibizzjoniżmu fieragħ.

Lazzaro Pisani iddedika ħajtu u l-attività artistika tiegħu għall-glorifikazzjoni t'Alla, billi ħadem

bla heda fil-knejjes ta' Malta u Għawdex li sebbaħhom bl-arti tiegħu. M'hawnx eżempju li fih ma ssibx xi xogħol minn tiegħu, ibda mill-Belt Valletta u spiċċa fl-opra monumentali tiegħu fil-knisja tan-Nadur, Għawdex. F'dawn ix-xogħolijiet Pisani dejjem fittex ir-reliġjożità storika tas-suġġett li kien inkarigat biex ipinġi u jippreżenta lid-devoti kull qaddis fil-karattru tiegħu, bi xbiha dettaljata, imsebbħa b'disinn stupend u b'kuluri li jintonaw mas-suġġett u li jpaxxu l-għajn. Għalhekk minkejja ż-żmien li għadda minn fuq dawn il-pitturi, għadhom sal-lum jidhru friski u armonjużi, bħal meta pinġihom l-artist.

Lazzaro Pisani bl-opri grandjużi tiegħu bena għalih innifsu monument dejjiemi u ħalla lill-poplu Malti u Għawdxi kapolavuri li Malta għandha tabilħaqq għax tkun kburija bihom, iżjed meta wieħed jiftakar li dan l-artist ħoloq opri armonjużi ispirati minn imħabba, devozzjoni u fidi.

**V.M. Pellegrini.**

# Lill-Pittur Lazzaro Pisani

Twelidt f'Città Rohan, iżda ismek ġera
ma' l-ibliet u l-irħula ta' Gżiritna,
u minn kull fejn instema' kiseb ġieħ
u għadu sallum imfakkar bl-akbar għożża.

Int m'għamiltx għajb lill-kbarat Żebbuġin –
L-isqof Caruana, liż-żewġ Sciortinijiet,
Dun Karm, Vassalli, Dun Mikiel u Gatt –
ħiltek ġabret tifħir minn kullimkien.

Għax int b'xogħlok sebbaħt ta' Malta l-knejjes
u t'Għawdex, fosthom dik tan-Nadurin,
erfajt ħerqana ħarstek lejn is-sema
u ksibt minn hemm l-isbaħ għeġubijiet.

Lill-Knisja fejn tgħammidt b'xogħol bikri tiegħek
tajtha fil-koppja l-Beatudnijiet,
iżda kapulavur tassew sabiħ,
int tajtha wkoll Madonna tar-Rużarju,

li fi ġmielha tinħass il-pura mħabbtek
u sabu l-imnikktin faraġ f'kull hemm.
Int xogħlok dejjem kien ta' fejda kbira
u ħiltek tinħass sew f'kull ma għamilt.

Għalhekk jistħoqqlok ġieħ li ma jintemmx
u lejk, iż-Żebbuġin, għandhom kull qima.
Ilqa' immela dal-kbir tifħir ta' qalbhom
miżjud ma' dak ta' Malta u ta' kull ġens.

**V.M. Pellegrini**
**14-1-91**